Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2022/2140(INI)

3.3.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-iżgurar li t-trasport Ewropew jiffunzjona għan-nisa
(2022/2140(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

Rapporteur għall-opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura
Caroline Nagtegaal, Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-iżgurar li t-trasport Ewropew jiffunzjona għan-nisa
(2022/2140(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, b'mod partikolari l-SDG 5 u l-miri u l-indikaturi tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra d-direttivi tal-UE mill-1975 'il quddiem dwar diversi aspetti ta' trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali[1], id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu[2], id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi[3], id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[4], id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE[5] u d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE[6].

[1] ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24.
[2] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.
[3] ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
[4] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
[5] ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.
[6] ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2009 intitolata "Futur sostenibbli għat-trasport: lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment" (KUMM(2009)0279),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 intitolata "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM(2020)0789),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta'' Lulju 2021 intitolata "Lesti għall-Mira ta' 55 %": Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika" (COM(2021)0550),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2021 dwar il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana (COM(2021)0811),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 intitolata "Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 – Rakkomandazzjonijiet dwar il-passi li jmiss lejn 'Viżjoni Żero'"[10],

– wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2022 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE),

– wara li kkunsidra l-istudju li sar mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2021 intitolat "Women and transport" (In-nisa u t-trasport),

– wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2022 intitolat "Study on the social dimension of the future EU transport system regarding users and passengers – Final report" (Studju dwar id-dimensjoni soċjali tas-sistema futura tat-

[7] ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1.
[8] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 191.
[9] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.
[10] ĠU C 132, 24.3.2022, p. 45.

trasport tal-UE fir-rigward tal-utenti u l-passiġġieri – Rapport finali),

– wara li kkunsdira l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni tal-UE u trid tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE; billi d-dritt ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

B. billi riċerka mwettqa fl-Istati Membri wriet li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fi spazji pubbliċi u fuq it-trasport kollettiv hija problema li qed tikber;

C. billi politiki tat-trasport imfassla ħażin jistgħu jaggravaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali eżistenti; billi għad hemm nuqqas ta' data diżaggregata skont is-sessi u analiżi tal-ġeneru dwar it-trasport, li jxekkel l-applikazzjoni ta' politiki tat-trasport immirati tajjeb għall-individwi u l-familji fid-diversità kollha tagħhom;

D. billi l-adozzjoni ta' approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-ippjanar urban huwa strumentali fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tan-nisa;

E. billi l-użu tat-trasport ivarja skont il-ġeneru, kif ukoll fatturi oħra, f'termini ta' kumplessità, frekwenza, modi, durata, skop, spiża, sigurtà u sikurezza;

F. billi l-fehim ta' xejriet tat-trasport u l-mobbiltà huwa fundamentali għall-iżvilupp ta' politiki tat-trasport sensittivi għall-ġeneru, sabiex l-utenti nisa tat-trasport ikunu jistgħu jaqsmu modi tat-trasport sikuri, aċċessibbli, affidabbli, sostenibbli u mhux diskriminatorji;

G. billi aktar nisa milli rġiel jużaw modi tat-trasport aktar sostenibbli, u spiss iwettqu katina tal-vjaġġi;

H. billi jenħtieġ li l-adozzjoni tal-bidu ta' teknoloġiji ġodda tal-vetturi u ta' awtomatizzazzjoni tikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa;

I. billi t-trasport sostenibbli jirrikjedi aċċess ugwali għall-infrastruttura, permezz ta' miżuri li jiggarantixxu mobbiltà akbar għal kulħadd u l-istess kwalità ta' servizz fiż-żoni urbani u rurali;

J. billi t-tfassil tal-vetturi, inklużi l-karatteristiki tas-sikurezza, spiss jassumi forma fiżika akbar, stereotipakament maskili, li twassal għal effikaċja aktar baxxa għal nies iżgħar;

K. billi l-infrastruttura tat-trasport b'ambjent imfassal tajjeb, immonitorjat u sigur għandha impatt pożittiv kemm fuq is-sikurezza attwali kif ukoll fuq is-sikurezza perċepita[11];

11 Forum Internazzjonali tat-Trasport, *Women's Safety and Security: A Public Transport Priority (Is-Sikurezza u s-Sigurtà*

L. billi l-barrikati mobbli jxekklu l-aċċess tan-nisa għall-impjiegi u s-servizzi ewlenin, bħas-saħħa u l-edukazzjoni, li jaffettwaw l-akkumulazzjoni tal-kapital uman kemm tagħhom kif ukoll tat-tfal tagħhom;

M. billi n-nisa huma sottorappreżentati fl-impjieg tat-trasport fil-livelli kollha; billi s-sottorappreżentanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-ippjanar u r-riċerka ssaħħaħ in-nuqqas ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-trasport;

N. billi l-ambjent tax-xogħol fis-settur tat-trasport ma jikkunsidrax il-ħtiġijiet speċifiċi għan-nisa, li għandu implikazzjonijiet usa' għas-sikurezza tan-nisa;

O. billi l-kumpaniji tat-trasport jiffaċċjaw problemi sinifikanti ta' reklutaġġ; billi l-impjieg tan-nisa jista' jkun rimedju għan-nuqqas ta' persunal fis-settur tat-trasport[12];

P. billi huwa importanti li tiġi promossa u ppreservata l-mobbiltà effiċjenti u affordabbli fiż-żoni rurali; billi l-konnettività fiż-żoni rurali mhijiex żviluppata b'mod adegwat;

Q. billi n-nisa li jgħixu f'żoni rurali jesperjenzaw barrikati biex jirċievu appoġġ meta jkunu vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

1. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE biex tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-trasport, filwaqt li jinnota l-progress miksub s'issa; jenfasizza li jinħtieġu miżuri konkreti biex itejbu s-sigurtà, l-aċċess għall-mobbiltà u l-opportunitajiet ta' xogħol;

2. Jenfasizza li l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-trasport għandha effetti pożittivi b'mod ġenerali, inklużi l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet ta' xogħol; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-trasport biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

3. Ifakkar li l-istereotipar u l-preġudizzju tal-ġeneru jeskludu lin-nisa mill-attivitajiet ekonomiċi u soċjali, li jwasslu għal nuqqas ta' effiċjenza u żieda fil-ħela tar-riżorsi umani; jidentifika l-ħtieġa għar-riżorsi biex jiġi żgurat li n-nisa jkunu rappreżentati fir-riċerka u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tat-trasport;

4. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' data dwar it-trasport standardizzata u diżaggregata skont is-sessi u ta' analiżi tal-ġeneru fil-modi kollha tat-trasport; jilqa', f'dan ir-rigward, li "l-enerġija u t-trasport" huma l-fokus tematiku tal-edizzjoni tal-2023 tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-EIGE;

5. Jenfasizza l-abbiltà tal-intelliġenza artifiċjali (IA) li tiġbor settijiet ta' data anonimizzati dwar l-użu tat-trasport pubbliku;

6. Jilqa' t-tnedija tal-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni Ambassadors for Diversity in Transport Network (Ambaxxaturi għad-Diversità fin-Network tat-Trasport), li se tfittex li tippromwovi d-diversità, l-ugwaljanza u l-inklużjoni fis-settur tat-trasport tal-UE;

---

tan-Nisa: Prijorità tat-Trasport Pubbliku), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2018.

[12] Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Good staff scheduling and rostering practices in transport – Final report (Prattiki tajbin ta' skedar u rostering tal-persunal fit-trasport – Rapport finali)*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2021.

7. Jitlob li t-testijiet tal-prestazzjoni tas-sikurezza u t-testijiet tal-kolliżjonijiet ikunu jinkludu mudelli femminili bijofideliċi; jenfasizza l-ħtieġa li l-IA żżid il-fehim tagħna ta' kif il-fiżika umana diversa tirreaġixxi b'mod differenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

Nifhmu l-mobbiltà u l-ekwità tan-nisa fit-trasport

8. Jenfasizza l-aspettattivi, ix-xejriet tal-ivvjaġġar, il-ħtiġijiet u l-esperjenzi differenti tan-nisa bħala utenti tat-trasport; jitlob li l-leġiżlazzjoni rilevanti fit-trasport tintegra bis-sħiħ il-ħtiġijiet tan-nisa;

Servizzi ta' mobbiltà inklużivi u infrastruttura adegwata

9. Jitlob l-integrazzjoni ta' għażliet tat-trasport sostenibbli fil-ħajja ta' kuljum tan-nisa, li jippermettu li l-vjaġġi multimodali komdi, sikuri u mingħajr stress isiru realtà;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-infrastruttura tat-toroq, b'mod partikolari meta tkun qed tiġi mtejba, tikkunsidra bis-sħiħ il-kontinwità u l-aċċessibbiltà ta' konnessjonijiet pedonali sostenibbli;

Niżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tan-nisa fl-ambjenti tat-trasport

11. Jitlob li ssir enfasi akbar fuq is-sikurezza fil-mobbiltà urbana, bħal dawl adegwat u sostenibbli fit-toroq, biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn in-nisa jkollhom jiffaċċjaw postijiet mudlama u strambi meta jivvjaġġaw; barra minn hekk, jitlob li t-tfassil tat-trasport integrat iqis "l-aħħar mil", speċjalment fil-ħinijiet mhux tal-quċċata;

12. Jisħaq fuq l-importanza li l-Att dwar l-IA[13] jassisti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fit-tnaqqis tal-fastidju kontra utenti tat-trasport nisa u LGBTQI+;

13. Jinnota li n-nisa għandhom rwol kbir fit-tiswir tal-għażliet dwar il-mobbiltà tal-familji, u li l-esperjenzi negattivi tagħhom fl-użu ta' modi tat-trasport sostenibbli jistgħu jkunu skoraġġanti;

14. Jinnota l-isfidi li jiffaċċjaw in-nisa fiż-żoni rurali bi trasport pubbliku relattivament sottożviluppat, li spiss jiffaċċjaw rwoli bħala indokraturi; jisħaq li l-politiki li għandhom l-għan li jippromwovu trasport sostenibbli ma jridux jeskludu gruppi vulnerabbli, nisa jew dawk li jgħixu f'żoni rurali;

In-nisa fl-impjieg

15. Jenfasizza li l-ħaddiema nisa tat-trasport fil-livelli kollha jiffaċċjaw barrikati bħal preġudizzju tal-ġeneru, kif ukoll nuqqas ta' faċilitajiet jew faċilitajiet mhux adattati, li jwasslu għal fastidju u vjolenza; jinnota, bħala riżultat, id-diffikultà biex jiġu attirati u jinżammu n-nisa fl-impjiegi tat-trasport;

[13] Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni (COM(2021)0206).

Nagħtu s-setgħa lin-nisa fis-settur tat-trasport

16. Jisħaq li jenħtieġ li n-nuqqas ta' nisa fis-settur tat-trasport jitqies ukoll bħala opportunità; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jieħdu miżuri proattivi sabiex jagħtu spinta lill-impjegabbiltà u l-kompetittività tan-nisa f'dan is-settur;

Inqajmu kuxjenza u nħeġġu l-bidla fl-imġiba

17. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra s-segmentazzjoni tas-suq fit-trasport u l-karrieri fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika; jinnota li l-promozzjoni tal-intraprenditorija fost il-bniet minn età bikrija tista' tnaqqas l-istereotipi edukattivi eżistenti u tiżgura li aktar nisa jidħlu fis-setturi tal-loġistika, l-inġinerija u t-trasport;

18. Jinnota l-ħtieġa għal kampanji u azzjonijiet tal-midja soċjali biex tiġi żgurata kultura ta' tolleranza żero kontra l-fastidju u ambjenti tax-xogħol mhux sikuri;

19. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni u mudelli ġodda tat-trasport jistgħu jipprovdu ambjenti tax-xogħol aħjar, aktar sikuri u aktar aċċessibbli għan-nisa;

°

° °

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-mobbiltà u t-trasport huma importanti għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni tagħna, u qegħdin dejjem jevolvu u jimmodernizzaw matul iż-żmien. Bla dubju, l-akbar sfida li s-settur tat-trasport qed jiffaċċja hija l-ħtieġa li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet u li jsir dejjem aktar sostenibbli. It-triq biex tinkiseb sistema tat-trasport newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju se jkollha impatt konsiderevoli kemm fuq l-utenti kif ukoll fuq il-passiġġieri bl-istess mod, kif ukoll fuq il-persuni li jaħdmu fis-settur. Ċertament din se tagħti liċ-ċittadini opportunitajiet kbar għal kwalità tal-ħajja aħjar, prospetti ġodda u eċċitanti għall-impjiegi, kif ukoll se tqarreb aktar minn qatt qabel prodotti u servizzi ġodda lejn l-Ewropej. Iżda fl-istess waqt huwa dmir tagħna lkoll li nagħrfu l-isfidi li hemm quddiemna: tabilħaqq din se tagħti spinta ġdida lis-soċjetà biex tagħżel mezzi tat-trasport aktar sostenibbli, li għandha l-potenzjal li tirriżulta f'faqar tat-trasport usa' u li toħloq esklużjoni għal ċerti gruppi.

Madankollu, ir-rapporteur temmen li dan ma għandux għalfejn ikun il-każ. Ma hemmx għalfejn ngħidu li din l-evoluzzjoni eċċitanti ta' trasformazzjoni tas-sistemi tat-trasport tagħna f'mobbiltà ekoloġika, affordabbli u sostenibbli ma għandha tħalli lil ħadd warajha. Madankollu, anke issa hemm wisq eżempji ta' inugwaljanza u nuqqasijiet fit-trasport kemm għall-utenti kif ukoll għall-ħaddiema tat-trasport rispettivament.

Dan ir-rapport ifittex li jenfasizza s-sitwazzjoni diffiċli li n-nisa spiss jiffaċċjaw fit-trasport, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lin-nisa li jwettqu l-maġġoranza tad-dmirijiet ta' indokrar u li għandhom xejriet tal-ivvjaġġar differenti mill-irġiel. Hija waħda mill-pjagi ta' żmienna li n-nisa jiffaċċjaw aktar diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol tagħhom u li s-settur tat-trasport mhux dejjem jirrappreżenta post ta' impjieg eżemplari. Ir-rapport janalizza wkoll is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli oħra li ilhom jitwarrbu u l-bżonnijiet tagħhom ilhom jiġu injorati għal żmien twil wisq. Huwa jipprova jsib modi kif tittejjeb is-sitwazzjoni eżistenti fis-settur, filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika jiffunzjonaw għal kulħadd.

L-ewwel nett, biex nifhmu u nanalizzaw aħjar dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li t-trasport tal-UE jiffunzjona għan-nisa, tenħtieġ data diżaggregata skont is-sessi u analiżi tal-ġeneru fit-trasport. Dan se jgħin biex jittejbu t-tfassil tal-politiki, il-leġiżlazzjoni rilevanti, il-programmi u l-azzjonijiet li jirriflettu l-ħtiġijiet u t-tħassib tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, kif ukoll biex tiġi żviluppata data miftuħa biex tappoġġja l-innovazzjoni tat-trasport.

Barra minn hekk, irid ikun hemm aktar fokus fuq is-sikurezza tal-passiġġieri fit-trasport kollettiv li b'konnessjoni mal-ġeneru u l-mobbiltà għandha diversi implikazzjonijiet estensivi. Bħala utenti tat-trasport kollettiv, in-nisa huma soġġetti għall-fenomenu inkwetanti ta' fastidju sesswali u għal tipi differenti ta' attakki. Huwa estremament diffiċli għalihom li jivvjaġġaw lejn u mix-xogħol, iġorru basktijiet tax-xiri, pushchairs u fl-istess waqt jieħdu ħsieb it-tfal.

Sussegwentement, filwaqt li jitfasslu karozzi u modi oħra tat-trasport, il-fiżjoloġija tan-nisa għandha t-tendenza li ma tiġix ikkunsidrata, li jfisser li huma inqas protetti mill-irġiel meta jkunu involuti f'ħabta bil-vettura.

Problema ewlenija oħra hija l-faqar tat-trasport u l-esklużjoni mit-trasport, speċjalment fiż-żoni rurali u r-reġjuni ultraperiferiċi. In-nisa għandhom inqas alternattivi mill-irġiel biex jagħżlu liema mod tat-trasport għandhom jużaw. U meta naħsbu dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-

trasport, irridu noqogħdu lura milli neliminaw kompletament il-karozzi mill-ħajja tal-persuni, partikolarment f'każijiet fejn ma jiġux ipprovduti konnessjonijiet tat-trasport sostenibbli, affordabbli, sikuri u frekwenti.

Fir-rigward tal-isfera tal-impjieg, is-settur tat-trasport għadu mhuwiex attraenti biżżejjed għan-nisa, peress li ma tingħatax attenzjoni biżżejjed lill-kwistjonijiet ta' sikurezza tan-nisa u lill-aċċessibbiltà ta' faċilitajiet ta' infrastruttura xierqa. Il-każijiet inaċċettabbli ta' fastidju sesswali, bullying, intimidazzjoni u vjolenza huma prevalenti u mifruxin wisq fis-settur. Barra minn hekk, minħabba nuqqas ta' għarfien u esponiment għal perkorsi ta' karriera, in-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fl-impjiegi tat-trasport. F'dan ir-rigward, huma rakkomandati aktar inċentivi u edukazzjoni bikrija għall-bniet, li jħeġġu lin-nisa jsegwu karrieri fl-iSTEM. Ir-rapport ifittex ukoll li jsib soluzzjonijiet u modi biex jiżdied l-impenn u l-interess tan-nisa fit-trasport u l-loġistika.

Għalhekk, l-iżgurar li s-sistema tat-trasport tagħna tkun tassew reżiljenti kontra kriżijiet futuri u li tkun tiffunzjona għan-nisa u l-gruppi vulnerabbli jrid ikun objettiv kruċjali tal-politika tat-trasport tal-UE li qed timxi 'l quddiem u importanti ħafna għat-tkabbir tas-settur u s-sostenibbiltà fit-tul. Jekk tiffunzjona għan-nisa, tiffunzjona għal kulħadd – ma hemmx ħin x'jinħela meta jittieħed vantaġġ mill-iżviluppi eċċitanti kollha li t-trasport għandu x'joffri fil-qasam tat-teknoloġija u l-impjieg kompetittiv, sikur u reżiljenti.